# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

***Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)***

---

**Illum id-19 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 457 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Carmel FENECH**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar l-1 ta' Novembru 2017 fil-konfront ta' Carmel FENECH detentur tal-karta tal-identità bin-numru 5972M fejn ġie mixli:

   Talli nhar is-Sibt 8 ta' Lulju 2017 għall-ħabta tas-12:40hrs ġewwa dawn il-gżejjer, u fil-ġranet jew fix-xhur ta' qabel dan meta d-diversi atti magħmulin minnu, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

   1. Ġab ruħu b'mod li ta fastidju lil Claire Bellia u b'mod li kien jaf jew kien imissu jkun jaf li dan kien ta' fastidju għal Claire Bellia;

2. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u taħt l-istess ċirkostanzi bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' Claire Bellia, weġġagħha bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor;
3. U aktar talli fl-istess data, lok, ħin u taħt l-istess ċirkostanzi għamel lil Claire Bellia inġurji jew theddid mhux imsemmija f'dan il-kodiċi jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;
4. U aktar talli fl-istess data, lok , ħin u taħt l-istess ċirkostanzi bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, ġiegħel bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil Robert Felice jħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixkel lil Robert Felice fil-pussess ta' ħwejġu, jew ħatt bini, jew kiser il-mixi tal-ilma jew ħa l-ilma għalih jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, indaħal fi ħwejjeġ ta' Robert Felice.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex meta tagħti sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna 'l-ħati jew 'il-ħatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wieħed għalih, għall-ħlas, lir-reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, inklużi dawk l-esperti li jkunu ġew maħtura fl-istadju tal-process verbal tal-inkjesta, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni.

Il-Qorti ġiet mitluba, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurtà ta' Claire Bellia, jew għaż-żamma tal-ordni pubbliku jew għall-iskop ta' protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari tagħha minn fastidju jew imġieba oħra li tikkaġuna biża' ta' vjolenza, toħroġ ordni ta' protezzjoni kontra Carmel Fenech skont l-artikolu 412C tal-Kap 9 u f'każ ta' ħtija, il-Qorti ġiet mitluba biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Claire Bellia u l-familja tagħha ai termini tal-artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant, stqarret is-segwenti:

Semgħet ix-xhieda.
Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat li r-raba' akkuża ġiet irtirata mill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi l-verżjonijiet ta' Claire Bellia u seħibha Robert Felice huma konsistenti ma' xulxin kif ukoll bejn dawk li ngħataw a tempo vergine u dawk mogħtija quddiem il-Qorti. Dawn il-verżjonijiet huma miċħuda mill-

imputat iżda l-Qorti m'għandha l-ebda eżitazzjoni biex temmen lil Bellia u Felice, tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, id-demeanor rispettiv tagħhom, u l-komportament tagħhom u tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda. Mill-provi in atti m'hemmx dubju illi l-imputat inġurja lil Claire Bellia, u li billi din ma kinitx l-ewwel darba li wettaq dan it-tip ta' aġir, jikkonkorru l-elementi tar-reat tal-fastidju, tant li l-aġir tiegħu ġiegħelha tabbanduna l-appartament tagħha li kellha fl-istess blokka mal-intimat.

Kien għal dawn il-motivi li wara li rat li r-raba' imputazzjoni ġiet irtirata mill-Prosekuzzjoni u għalhekk ma ħaditx konjizzjoni ulterjuri tagħha, u wara li rat l-Artikoli 251A, 252(1) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet b'dan li għall-fini ta' piena t-tieni u t-tielet imputazzjonijiet ġew assorbiti fl-imputazzjoni, u kkundannatu għal multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2,500) u, b'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodiċi Kriminali, biex tipprovdi għas-sigurtà ta' Claire Bellia poġġiet lill-imputat taħt Ordni ta' Protezzjoni bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni mogħti kontestwalment u dan għal perjodu ta' tliet snin.

3. Illi minn din is-sentenza Carmel FENECH interpona appell permezz ta' rikors datat 9 ta' Novembru 2017 fejn talab li s-sentenza hawn fuq imsemmija tiġi mħassra, revokata u annullata u konsegwentement jiġi lliberat minn kull imputazzjoni u ħtija, u dan wara li saħaq is-segwenti:-

Illi l-esponenti ħass ruħu ferm aggravat bid-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti u dan għas-segwenti raġunijiet.

Illi fl-ewwel lok l-esponenti jħossu aggravat bil-konsiderazzjoni legali li għamlet l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni u ċioè l-Artikolu 251A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Għandu jiġi rilevat li l-appellanti ġie akkużat b'akkużi marbuta ma' data u ħin speċifiku u ċioè dak ta' nhar is-Sibt 8 ta' Lulju 2017. F'kull nuqqas ta' kull prova oħra u dan

anki saħansitra fl-assenza ta' kwalunkwe rapport jew sentenza oħra fil-konfront tal-appellanti Carmel Fenech jew xhieda fuq dati speċifiċi oħra, l-ewwel akkuża u ċioè r-reat tal-fastidju bl-ebda mod ma seta' jissussisti.

Illi riferenza għandha ssir għad-deċiżjoni mogħtija fil-21 ta' Frar 2012 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Mirko Giannetti**, fejn il-Qorti għamlet riferenza għall-kawża deċiża mill-istess Qorti (diversament preseduta) fis-27 ta' Frar 2009 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Massimo Tivisini**: "Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Massimo Tivisini deċiż fis-27 ta Frar 2009, intqal dan rigward dan ir-reat: "*Illi għalkemm, kif jissottometti l-appellant, it-terminu legali fastidju (bl-Ingliż 'Harassment') ġie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bħala:- "Words, conduct or action (usu. repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose", dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jiġi konsidrat "in isolation" b'riferenza biss għall-każ mertu tal-kawża imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-aġir preċedenti tal-ġudikabbli. Dan għaliex kif ġie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez [21.6.07]:- "...f'każijiet bħal dawn ir-retroxena għal kull inċident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-inċident iżolat u aċċidentali minn aġir abitwali ta' fastidju fuq perjodu ta' żmien". [...] Illi r-reat tal-"fastidju" (fit-test Ingliż 'harassment') ġie introdott għall-ewwel darba fil-liġi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005 w inkorporat fl-artikoli 251A, 251B, 251C u 251D tal-Kodiċi Kriminali. L-artikolu 251A joħloq ir-reat ta' persuna li ġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra u b'mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna. Dan hu r-reat dedott taħt ir-raba' imputazzjoni. Il-liġi fis-sub-inċiż (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra. Fis-subinċiż (3) (c) il-liġi tkompli tgħid li persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li fiċ-ċirkostanzi partikolari dik l-imġieba kienet waħda raġjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provdut li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wieħed jagħti qata' ('alarming') jew idejjaq ('causing...distress') lill-persuna. [...] Illi apparti mid-dispożizzjoni kontenuta fl-artikolu 251C li tgħid li riferenzi għall-għoti ta' fastidju lil persuni jinkludu meta wieħed jagħti qata' jew idejjaq lill-persuna. ('alarming the person or causing the person distress" fit-test Ingliż), il-liġi tagħna ma tagħti ebda definizzjoni oħra tat-terminu ġeneriku fastidju jew 'harassment'. Issa filwaqt li n-nuqqas ta' definizzjoni speċifika w dettaljata tar-reat in diżamina tagħmilha possibbli għall-ġudikant li jqis bħala fastidju aġir li jkun jieħu l-***forma ta' diversi varjazzjonijiet tal-istess delitt***, jista' mill-banda l-oħra joħloq ukoll inċertezzi fl-applikazzjoni tal-liġi penali fir-rigward ta' dawn it-tip ta' reati li ta' sikwit jinbtu minn relazzjonijiet interpersonali komplikati u delikati".*

*Din il-Qorti żżid dan li ġej. L-artikolu (251A tal-Kap 9) huwa msejjes fuq l-ewwel żewġ artikoli tal-Protection of Harassment Act 1997 li jibda bil-kelmiet: 'A person*

*must not pursue a course of conduct' li fil-liġi tagħna hekk: 'Persuna li ġġib ruħha'. Skont l-Archbold: 'Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'. (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC). In Pratt vs DPP, 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding whether to prosecute where there was only a small number of incidents relied upon. On the facts, it was held that two incidents, three months apart, in the first of which the defendant threw a beaker of water at his wife, and in the second of which he chased her round the house, swearing and repeatedly questioning her, were close to the line, but the conviction could be sustained where the incidents took place against a background of an undertaking having been given in civil proceedings by the defendant not to use or threaten violence against his wife, nor to harass or pester her. Under section 1(2), the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offenderer, such as his mental illness; and the test is section 1(30(c is even more clearly objective: R v Colohan".*

*Illi, skond ġurisprudenza kostanti tal-Qrati tagħna, sabiex jissussisti r-reat ta' fastidju irid ikun hemm kontinwita' jew ripetizzjoni ta' inċident u mhux inċident wieħed. Minn dak li xehdu x-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni ma jirriżultax li ġie pruvat il-course of conduct rikjest sabiex tista' tinsab ħtija tal-imputat fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu. Ma jirriżultax li kien hemm xi atteġġjament da parte tal-imputat … li jista' jiġi kunsidrat bħala wieħed ripetittiv u persistenti. Għaldaqsant, l-imputat ser jiġi liberat ukoll mit-tielet (3) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu.*

Dan kollu ġie ritenut u enfasiżżat fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Brian Vella** mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Malta bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar il-21 ta' Lulju, 2014.

Għaldaqstant, bl-applikazzjoni tal-interpretazzjoni kostanti tal-Liġi kif ġie espost hawn iktar 'il fuq, il-każ in eżamina kontra l-appellanti bl-ebda mod qatt ma jista' jirriżulta taħt ir-reat tal-fastidju. Il-parte ċivile Bellia kellha kull opportunità sabiex tippreżenta kwalunwke rapport ieħor fil-konfront tal-esponenti, iżda hi naqset li tagħmel dan iżda lamentat biss mill-"ħames minuti" li ripetutament enfasiżżat li għamlet tistenna u minkejja li allegatamenet is-sieħeb tagħha Felici paqpaqlu l-ħorn. Illi dan l-allegat aġir bl-ebda mod qatt ma jista' jaddebita l-*mens rea* rikjesta mil-Liġi sabiex jissussisti r-reat tal-fastidju jew saħansitra l-aġir kontinwu u persistenti li jdejjaq. Dan jingħad fl-isfond tal-fatt, li bla preġudizzju għat-teżi esposta fir-rigward tan-neċessità ta' '*course of conduct*', li wieħed jippretendi kif qiegħed jagħmel il-*parte civile* li jekk jistenna iktar minn "ħames minuti" sakemm idaħħal il-vettura fil-garaxx tiegħu qiegħed jiġi ffastidjat u saħansitra jwassal biex l-esponenti jinstab ħati ta' tali akkuża bil-konsegwenzi estremi kollha li din il-kundanna ġabet magħha żgur li ma

tissodisfax it-test tar-"*reasonableness*" li tirrikjedi l-Liġi u għalhekk, "*the test is entirely objective; the reasonable man is not to be imbued with the peculiar characteristics of the offenderer, such as his mental illness*".

Iktar minn hekk, żgur li ma ġiex ippruvat li l-parte civile minħabba din il-"ħames minuti" li tħallew jistennew ma kellhomx ibiddlu d-dar. Minkejja x-xhieda tagħhom fejn ittentaw jagħtu stampa li huma kellhom jagħmlu dan il-pass, ma ġabu l-ebda prova li huma qegħdin jikru post ieħor u lanqas ta' kuntratt ta' bejgħ jew promessa ta' bejgħ fir-rigward tal-proprjetà tagħhom biswit il-parte civile. Illi dan hu unikament minħabba l-fatt li konvenjentement il-parte civile xehdu li kien qegħdin iġorru meta dan kienu qegħdin jagħmluh biss biex imorru fir-residenza tagħhom tas-sajf.

Illi bla preġudizzju għas-suespost, għandu jingħad li sabiex ikun hemm sejbien ta' ħtija fir-reat tal-fastidju, l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tifli u tgħarbel mhux biss l-komportament tax-xhieda iżda fuq kollox il-proċess innifsu tal-allegat inċident li wassal għall-akkużi odjerni. Illi mhuwiex kontestat li kienu l-parti civile stess li marru fil-post tal-inċident u allegatament sabu l-vettura tal-appellanti ħdejn il-garaxx. Illi din hija l-prova reġina li l-appellanti qatt ma kellu l-intenzjoni li jiffastidja lill-parti civile iżda kienu huma li marru fuq il-post fejn seħħ l-allegat inċident. Dan ifisser li l-appellanti qatt ma kellu l-intenzjoni li jwettaq reat jew ippjana li jwettaq reat jew li jdejjaq, jew jiffastidjahom. Illi fl-istess waqt, meta l-parti civile paqpqu l-ħorn, l-appellanti qatt ma seta' jkun jaf min qed ipaqpaq minn ġewwa d-dar u għalhekk ċertament li qatt ma kellu l-intenzjoni li jiffastidja lill-parti civile. Illi għalhekk u bid-dovut rispett lejn l-Ewwel Qorti, ir-reat tal-fastidju qatt ma seta' jissussisti u dan peress li kien meħtieġ li l-appellanti jkollu mens rea pożittiva u speċifika, fattur li f'dan il-każ ma hemmx.

Illi t-tieni aggravju tal-appellanti huwa illi fil-każ odjern l-Ewwel Onorabbli Qorti waslet għall-kundanna tal-appellanti bl-eventwali konsegwenza li tali sejbien kollu a detriment tal-appellanti fuq sempliċement ix-xhieda tal-parte civile u l-*partner* tagħha. Illi b'kull rispett l-Ewwel Onorabbli Qorti tat iktar importanza, anzi tista' tgħid straħet biss fuq id-*demeanor* rispettiv tal-*parte civile*, u dan sempliċement għaliex huma nzertaw nies ta' professjoni u b'hekk l-esponenti sofra diskriminazzjoni minħabba s-sempliċi fatt li huwa raġel sempliċi tal-familja b'isem komuni u mingħajr ebda legami.

Illi min-naħa l-oħra, il-prova reġina ta' *video recording* li l-appellanti u familtu ottjenew permezz ta' CCTV *camera* li kellhom preċedentement jinstallaw għas-sigurtà tagħhom mhux talli ġiet kompletament skartata mill-Ewwel Qorti talli iżjed u iżjed lanqas inħasset il-ħtieġa li tinstema' seduta stante! L-unika prova imparzjali lil hinn mill-odju u imparzjalità li kull parti jista' jkollha fil-konfront ta' xulxin ma ġietx meqjusa u kapriċċożament l-esponenti ġie misjub ħati ta' reat ta' fastidju li l-ewwel

nett legalment ma jinkorrix fuq nuqqas ta' provi u saħansitra akkużi, rapport, jew xhieda fuq inċidenti f'dan ir-rigward, iżda mhux hekk biss, saħansitra l-esponenti ġie misjub ħati fejn kuntrarjament lil hinn minn kull dubju dettatt mir-raġuni kien ***hu*** li pprova l-innoċenza tiegħu permezz tal-filmat skartat.

Illi filwaqt li l-Ewwel Onorabbli Qorti tempatizza u tisħaq li l-aġir tal-esponenti ġiegħel lill-istess parte civile sabiex saħansitra tabbanduna l-appartament tagħha, din kienet l-ewwelnett konklużjoni li waslet għaliha bid-dovut rispett fuq sempliċiment il-kelma tal-istess parte civile u b'hekk assolutament mhux sostanzjata bi provi objettivi ulterjuri, iktar minn hekk, bla preġudizzju għas-suespost, l-Ewwel Onorabbli Qorti skartat kompletament ir-rekwiżit ġurisprudenzjali tat-test tar-'*reasonableness*' liema eżami mistenni li jsir fir-rigward tal-akkuża diretta fil-konfront tal-esponenti. Dan jingħad fir-rigward tal-fatt li l-Ewwel Qorti waslet għall-konklużjoni tagħha wara li rat li jikkonkorru l-elementi tar-reat tal-fastidju iżda baqgħet siekta fir-rigward tar-rimanenti akkużi dedotti fil-konfront tal-esponenti. Fid-dawl ta' dan kollu, l-eżami li kellha tikkonduċi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellu jkun b'kull rispett jekk effettivament l-allegazzjonijiet tal-parte civile u ċioè l-ilment tagħha li għamlet "ħames minuti sħaħ" tistenna kif ukoll il-kliem, "Sabiħa ee, qażżiżtu lil ommkom" l-ewwelnett jirriavviżax l-ovvju u jinkonkorri mat-teżi tal-esponenti li ma jirriżultax fl-akkuża tal-fastidju; fit-tieni lok, fid-dawl tal-fatt li l-esponenti kjarament ipprova li fil-ġurnata u l-ħin in kwistjoni ma għamel l-ebda tip ta' kuntatt mal-parte civile jikkorrabora t-teżi tiegħu b'mod sodisfaċenti lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni.

Illi bla preġudizzju għas-suespost, dwar dak li għandu x'jaqsam mat-tieni u t-tielet imputazzjoni, il-frażi "Sabiħa ee, qażżiżtu lil ommkom" qatt ma kellha twassal għas-sejbien ta' ħtija f'dan ir-rigward u dan stante li mhux kull kumment li jingħad jinkwadra fil-parametri ta' dak li l-liġi tipprojbixxi. Illi bid-dovut rispett dan il-kumment mhuwiex inġurjuż jew kattiv u lanqas jikkostitwixxi theddid. Għall-kuntrarju, dan il-kumment huwa biss espressjoni tal-opinjoni soġġettiva tal-appellanti fil-konfront tal-parte civile b'dan li tali aġir qatt ma kellu jwassal għal sejbien ta' ħtija.

### *Ikkunsidrat:*

4. Illi nhar is-Sibt it-8 ta' Lulju 2017 għall-ħabta tas-12:56, il-Pulizija tal-Għassa tan-Naxxar irċevew rapport mingħand Robert Felice u s-sieħba tiegħu Claire Bellia. Dawn spjegaw illi huma għandhom

residenza sitwata fl-indirizz 105, Comet, Triq Caravaggio, Ħal-Għargħur. Dakinhar stess għall-ħabta tal-12:40hrs huma ippruvaw jaċċedu għal garaxx tagħhom li jinstab biswit il-maisonette tagħhom iżda lemħu vettura tal-għamla Toyota bin-numru ta' reġistrazzjoni HAP821 li kienet ipparkjata fiż-żona komuni tan-nofs tal-garaxx bin-numru 103 u li kienet qed timblokka l-aċċess għad-dħul tal-garaxx tiegħu li jinsab fl-istess daħla.

5. Il-kwerelanti kienu ilhom jgħixu fir-residenza msemmija għal tminn snin fejn ġieli kellhom dawn it-tip ta' problemi u spiċċaw anki l-Qorti fuq kwistjonijiet simili, partikolarment mal-appellant, ġirien ta' fuqhom, li għandu garaxx ieħor fl-imsemmi rampa. Kif waslu fejn ir-rampa u sabu l-vettura ta' Fenech timblokkalhom il-passaġġ, il-kwerelanti daqqewlu l-horn sabiex iċaqlaq il-vettura tiegħu. Il-kwerelanti għidu li l-appellanti rahom, iżda ma ċaqlaqx il-vettura tiegħu u minflok daħal fil-garaxx tiegħu u dam madwar ħames minuti sħaħ sakemm irritorna u ċaqlaq l-imsemmija vettura.

6. In oltre Bellia stqarret illi filwaqt li kienet qed tistenna lil seħibha biex jidħol fil-garaxx, lemħet lil appellant jipparkja l-vettura tiegħu x'imkien ieħor fit-triq. Kif l-appellant beda miexi lura lejn il-maisonette tiegħu, hu avviċina lil Bellia u qallha *Sabiħa e! Sabiħa e! Tqazu l-Ommkhom*! Bellia ma weġbitux. Fil-passat il-kwerelanti kellhom jitilgħu il-Qorti fuq diversi rapporti simili fejn Fenech kien anki obbliga ruħu li b'ebda mod ma jimmollesta lil kwerelanti apparti illi kellu jagħmel kull ma seta' sabiex inaqqas l-istorbju rekat mill-*washing machine* u ma jibdiex ix-xogħol ta' tindif qabel it-8am.

7. Il-kwerelanti jgħidu li kellhom jitilqu minn din ir-residenza tagħhom minħabba dawn il-problemi illi kienu qegħdin jirriskontraw mal-appellant. Huma xtaqu li jittieħdu passi kontra l-appellant. Wara huma ġew akkumpanjati fuq il-post mill-Pulizija sabiex jirtiraw xi oġġetti mir-residenza tagħhom mingħajr ma jinqala inkwiet. Sussegwentement il-Pulizija għamlu kuntatt mal-appellant u ma martu li jirresjedu ġewwa Tournesol, Triq Caravaggio, Ħal-Għargħur fejn intalbu jirrikorru ġewwa l-Għassa tal-Pulizija tan-Naxxar sabiex jiġu mitkellma dwar il-kwerela li kienet saret fuqhom. L-appellant mar l-Għassa kif mitlub u wara li ingħata d-drittijiet tiegħu qabel ġie mitkellem, huwa irrifjuta l-jedd għall-assistenza legali. L-appellant ikkonferma illi kien ħalla l-vettura tiegħu ipparkjata fin-nofs tar-rampa sakemm għabba xi affarijiet. Hu jgħid li kien ħalla xi silġ ġewwa u sakemm daħal lura fir-residenza tiegħu innota li kien hemm il-vettura ta' Robert Felice fuq il-post. Madankollu l-appellant ċaħad li Felice papaqlu l-ħorn jew aħjar illi hu kien sema' l-ħorn u injorah. Ċaħad ukoll li kien lissen xi diskors fil-konfront ta' Bellia, għalkemm irrikonoxxa li huwa kien raha barra fit-triq, iżda ċaħad li kien kellimha.

8. L-appellant saħaq ukoll illi hu ġieli nnota lil Felice joħroġ u jħalli l-vettura tiegħu fin-nofs tar-rampa tad-daħla tal-garaxx u dan kien jinnutah mis-sistema tas-CCTV illi hu għandu mwaħħal fuq mas-saqaf ta fejn hemm il-garaxxijiet tiegħu u ta' Felice. L-appellant ġie nfurmat li kienu ser jittieħdu proċeduri kontra tiegħu fir-rigward ta' din il-kwerela.

9. Wara li l-Qorti tal-Maġistrati semgħet il-provi prodotti u wara li l-Prosekuzzjoni rtirat ir-raba akkuża, dik il-Qorti sabet lill-appellant ħati tar-rimanenti mputazzjonijiet u kkundannatu multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500) apparti l-ordnat il-ħruġ ta' ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Claire Bellia għall-perijodu ta' tlett snin.

***Ikkunsidrat:***

10. Illi għalhekk qabel xejn din il-Qorti tqis li għandha tissofferma ruħha fuq il-prinċipji regolaturi rigward din il-proċedura ta' appell minn sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, kif ukoll dwar dawk li huma r-regoli kardinali dwar kif l-evidenza mogħtija minn dawn ix-xiehda aktar il-fuq imsemmija għandha tiġi analizzata minn Qrati ta' Ġustizzja Kriminali f'dan il-pajjiż. In fine, din il-Qorti tesplora l-mod kif dawn il-prinċipji jsibu l-applikazzjoni tagħhom, *in concreto*, f'dan il-każ.

11. B'mod partikolari f'appelli ta' dan il-ġeneru, li jistrieħu prinċipalment fuq apprezzament tal-provi prodotti huwa importanti li jiġi ċċarat x'inhuma l-funzjonijiet ta' din il-Qorti tal-Appell Kriminali, li f'dan il-każ tisma' appelli minn sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Dawn il-funzjonijiet ġew spjegati f'diversi sentenzi, fosthom fis-sentenza ***Ir-Repubblika ta'***

***Malta vs Emanuel ZAMMIT*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri)[1] fejn intqal:-

> kif dejjem gie ritenut huwa principju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l- ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment jew legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni.

[1] Tal-21 t'April 2005. Ara wkoll Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u r-***Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina*** 24 ta' April 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak*** 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan*** et, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

Fil-kawża ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa*** ġie mistqarr li :

> Kif gie ritenut diversi drabi, hawn qieghdin fil-kamp ta' l- apprezzament tal-fatti, apprezzament li l-ligi tirrizerva fl- ewwel lok lill-gurati fil-kors tal-guri, u li din il-Qorti ma tiddisturbahx, anke jekk ma tkunx necessarjament taqbel mija fil-mija mieghu, jekk il-gurati setghu legittimament u ragonevolment jaslu ghall-verdett li jkunu waslu ghalih. Jigifieri l-funzjoni ta' din il-Qorti ma tirrizolvix ruhha f'ezercizzju ta' x'konkluzjoni kienet tasal ghaliha hi kieku kellha tevalwa l-provi migbura fi prim'istanza, imma li tara jekk il-verdett milhuq mill-gurija li tkun giet "properly directed", u nkwadrat fil-provi prodotti, setax jigi ragonevolment u legittimament milhuq minnhom. Jekk il- verdett taghhom huwa regolari f'dan is-sens, din il-Qorti ma tiddisturbahx (ara per ezempju Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina decizi minn din il-Qorti fl-24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak deciza minn din il-Qorti fit-23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Lulju 2002, ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Marzu 2000, u r-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt deciza minn din il-Qorti fl-1 ta' Dicembru 1994).

12. B'hekk anke jekk din il-Qorti tistħarreġ ix-xiehda li tkun tressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, ir-rwol ta' din il-Qorti jibqa' dak ta' reviżjoni tad-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-kors ordinarju tal-funzjoni tagħha, ma ssirx Qorti ta' ritrattazzjoni, ċjoe li terġa tisma' l-każ u tiddeċiedi l-każ mill-ġdid. Id-deċiżjoni jekk l-imputat ikunx ħati jew le qabel xejn teħodha l-Qorti tal-Maġistrati li għandha d-dover li tanalizza l-provi u l-argumenti legali u tasal għall-konklużjonijiet tagħha wara li tkun qieset kollox.[2]

13. Din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell Kriminali twettaq id-dmir ta' reviżjoni tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati billi tara jekk u safejn, il-Qorti tal-Maġistrati, bis-saħħa tal-provi li jkunu ġew miġjuba mill-partijiet u tal-argumenti legali dibattuti quddiemha, setgħetx legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni milħuqa minnha fis-sentenza tagħha. Huwa minħabba f'hekk u biex tilħaq dan l-għan li din il-Qorti, bħala Qorti tal-Appell tagħmel l-apprezzament tagħha tal-provi prodotti quddiem dik il-Qorti.

14. Bosta drabi l-fatti li joħorġu mill-provi mhux dejjem ikunu jaqblu ma xulxin. Anzi ġieli jkun hemm xiehda li jgħidu bil-maqlub ta' xulxin. Għalhekk din il-Qorti trid tara jekk, u safejn, b'dawk il-provi li kellha quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati setgħetx tasal għall-konklużjonijiet tagħha kif jidhru fis-sentenza b'mod tajjeb u skont il-Liġi. Jekk din il-Qorti tara li l-Qorti tal-Maġistrati setgħet tasal għall-konklużjonijiet li waslet għalihom skont il-provi u l-argumenti legali

[2] u dan sakemm ma jkunx hemm raġunijiet eċċezzjonali entro l-parametri ta' dak li jipprovdi l-artikolu 428(3)(5) tal-Kodiċi Kriminali li din il-Qorti tkun tista' tiddeċiedi hi l-meritu tal-kawża.

li kellha quddiemha, allura din il-Qorti ma tibdilx il-konklużjonijiet milħuqa mill-Qorti tal-Maġistrati u dan għaliex jekk il-Qorti tal-Maġistrati tkun għamlet xogħolha tajjeb, din il-Qorti ma tistax taqbad u tibdlilha s-sentenza jekk ma jkunx hemm raġuni valida.

15. Jekk mill-banda l-oħra din il-Qorti tara li, mill-provi li nġiebu jew mill-argumenti legali imresqin quddiemha, l-Qorti tal-Maġistrati tkun żbaljat fl-apprezzament tal-provi jew fl-interpretazzjoni tal-argumenti legali imresqin quddiemha, b'mod li allura din il-Qorti tqis ma jkunx sigur u sodisfaċenti li tistrieħ fuq dawk il-konklużjonijiet, allura din il-Qorti imbagħad għandha s-setgħa u d-dmir li tibdel dik is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati, jew dawk il-partijiet minnha li jirriżultaw li jkunu żbaljati jew li ma jirriflettux il-Liġi.[3]

16. In oltre, għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-Prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu

[3] Ara wkoll, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Rida Salem Suleiman Shoaib***, 15 ta' Jannar 2009; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Paul Hili***, 19 ta' Gunju 2008; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Etienne Carter***, 14 ta' Dicembru 2004; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa***, 16 ta' Ottubru 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Godfrey Lopez*** u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina***, 24 ta' April 2003; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Lawrence Asciak sive Axiak***, 23 ta' Jannar 2003, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Mustafa Ali Larbed***, 5 ta' Lulju 2002; ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino***, 7 ta' Marzu 2000, ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt***, 1 ta' Dicembru 1994; u ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi***, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: ***Il-Pulizija vs Andrew George Stone***, 12 ta' Mejju 2004, ***Il-Pulizija vs Anthony Bartolo***, 6 ta' Mejju 2004; ***Il-Pulizija vs Maurice Saliba***, 30 ta' April 2004; ***Il-Pulizija vs Saviour Cutajar***, 30 ta' Marzu 2004; ***Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et***, 21 ta' Ottubru 1996; ***Il-Pulizija vs Raymond Psaila et***, 12 ta' Mejju 1994; ***Il-Pulizija vs Simon Paris***, 15 ta' Lulju 1996; ***Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace***, 31 ta' Mejju 1991; ***Il-Pulizija vs Anthony Zammit***, 31 ta' Mejju 1991.

jekk emnut huwa suffiċjenti. Dan ukoll ġie kkonfermat minn ġurisprudenza nostrana kopjuża fejn dan il-prinċipju ġie ripetutament assodat.[4]

17. Illi wkoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636 tal-Kodiċi Kriminali, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża : -

> id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ.

18. Skond il-ġurisprudenza nostrana jekk il-Qorti tal-Maġistrati tonqos milli tagħmel dan l-ezerċizzju fir-rigward ta' xhieda ta' ċertu portata jew li permezz tat-testimonjanza tagħhom ikollhom pern fuq is-sentenza finali, tista tirriżulta n-nullita' tal-proċeduri, li tista' titqajjem anki *ex officio* mill-Qorti stess u dan partikolarment meta l-każ ikun jistrieħ fuq il-kredibbilta' o meno tax-xhieda. Fi kliem ieħor jekk il-Qorti tkun qed tibbaża s-sentenza tagħha fuq in-nuqqas ta' kredibbilta' o meno ta' xhud jew xhieda partikolari, dik il-Qorti ma tkunx tista tasal għal tali konkluzjoni b'mod sodisfaċċenti

---

[4] Ara fost oħrajn l-appelli kriminali sede inferjuri fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bonavia*** ppreseduta mill-imħallef Joseph Galea Debono u datata s-6 ta' Novembru 2002; ***Il-Pulizija vs Antoine Cutajar*** ippreseduta mill-Imħallef Patrick Vella u deċiża fis-16 ta' Marzu 2001; ***Il-Pulizija vs Carmel Spiteri*** ippreseduta mill-Imħallef David Scicluna u deċiża fid-9 ta' Novembru 2011; Ara wkoll ***Ir-Repubblika ta' Malta vs Martin Dimech*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Sede Superjuri u ppreseduta mill-Imħallfin Joseph Filletti, David Scicluna u Joseph R. Micallef u datata 24 ta' Settembru 2004.

mingħajr l-ewwel ma tkun semgħet dawn ix-xhieda partikolari jixdu viva voce.[5]

19. In oltre kif gie ritenut mil-Qorti fl-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Thorne,***[6]

> mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghall-liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l- Qorti, f' kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali w tasal ghall-konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f' hix ser temmnu jew ma temmnux'.

20. L-akbar sfida li jkollu kull Ġudikant hi li huwa jkun jixtieq dejjem jasal li jiskopri l-verita storika. Dan peress li l-evidenza li jkollu quddiemu kemm dik diretta, kif ukoll u, *a maggior ragione*, dik indiretta, mhux dejjem neċessarjament iwasluh għall-dik il-verita'. Xhud jista' jkun konsistenti kemm fil-veritajiet li jgħid kif ukoll fil-gideb li jista' jkun qiegħed jgħid. U huwa għalhekk li jeżisti wkoll ir-reat ta' sperġur għaliex il-Qrati mhux dejjem ikunu f'qagħda li jikxfu l-verita storika mix-xiehda tax-xhieda li jixhdu quddiemhom. U f'kull każ, il-Qorti ma għandhiex il-fakulta u s-setgħa li tidħol fil-profondita' tal-moħħ, qalb u kuxjenza tax-xhud li jkun xehed quddiemha b'mod li tkun tista' tistabbilixxi ċ-ċertezza assoluta ta' dak li jkun qed jaħseb u jgħid billi taqralu moħħu u qalbu.

21. Mill-banda l-oħra l-evidenza indiretta, dik li tistrieħ prinċipalment fuq iċ-ċirkostanzi u li tkun bażata fuq l-analiżi taċ-ċirkostanzi

[5] Ara is-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Joseph Bartolo*** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar id-9 ta' Settembru 1999 ippreseduta mill-imhallef Vincent Degaetano.

[6] Deċiza fid-9 ta' Lulju 2003 mill-Qorti tal-Appell Kriminali Sede Inferjuri ippreseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

partikolari tal-każ, għalkemm mhix giddieba, tista' tkun qarrieqa. Huwa għalhekk li dawn il-Qrati dejjem straħu fuq il-massima li biex l-evidenza ċirkostanzjali tkun is-sies ta' sejbien ta' ħtija, din trid tkun inevitabbilment univoka. Ċjoe li tipponta biss u esklussivament lejn direzzjoni waħda biss. U xejn ħliefha. Għax altrimenti, din it-tip t'evidenza tista' tiżvijja lil Ġudikant mir-riċerka tiegħu tal-verita.

22. Il-Liġi penali **ma teħtieġx** li biex persuna tiġi misjuba ħatja tkun trid tiġi stabbilita s-sufficjenza probatorja taċ-ċertezza assoluta, u dan għaliex Qorti rari ħafna tista' tkun konfrontata b'dan il-livell ta' prova. Fil-Liġi Maltija, bħal dawk li jsegwu l-proċedura penali imnisla mis-sistema Anglo-Sassoni, huwa biżżejjed li Qorti ta' Ġustizzja Kriminali tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imresqa mill-Prosekuzzjoni, u li ma jkunux ġew newtralizzati fuq bażi ta' probabbilta' mid-Difiża, sabiex tkun tista' ssib ħtija.

23. Dawn il-provi pero jridu qabel xejn ikunu jirrispettaw ir-regoli stabbiliti tal-evidenza fi proċedimenti penali, ċjoe l-*Law of Evidence*. Jekk dawk il-provi jkunu jikkonsistu prinċipalment fuq il-verżjoni ta' xhud waħdieni, il-Qorti xorta waħda tista' tasal sa' dak il-grad ta' prova, jekk dak ix-xhud ikun ġie emnut, in kwantu f'din l-eventwalita, din ix-xiehda ssir biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar u tkun tista' ssib ħtija fl-akkużat.

24. Iżda jekk mill-banda l-oħra Qorti tkun teħtieġ prova teknika jew xjentifika u għalhekk tkun teħtieġ ħila jew sengħa speċjali, tkun teħtieġ li tiġi magħmula perizja minn persuni kwalifikati fil-qasam partikolari li tkun tolqot dik il-prova. Fis-sistema penali Malti, mhux ammess li tiġi prodotta xiehda esperta *ex parte*. Il-periti nominati mill-Qorti, jitħarku bħal xiehda oħra, u huma mistennija li fl-aħħar tal-perizja tagħhom jipproduċu rapport, bil-fomm jew bil-miktub, lill-Qorti li tkun ħatrithom. Dawn ix-xiehda esperti jistgħu jixhdu dwar il-fatti u ċirkostanzi mistħarġa minnhom u li fuqhom ikunu bażaw ir-rapport tagħhom. Konsegwentement, a differenza ta' xiehda oħra, jistgħu jesprimu opinjoni fuq il-materja teknika li għaliha huma jkunu ġew maħtura. Fil-qadi ta' din il-mansjoni, dawn ix-xiehda jridu jaħilfu r-rapport tagħhom u meta jixhdu huma jagħmlu dan bil-ġurament.

25. Fattur ieħor importanti msemmi fil-Liġi Maltija huwa li meta dawn il-periti, matul ix-xogħol tagħhom ikunu ħadu informazzjoni mingħand persuni oħra fuq ċirkostanzi ta' fatt, dawn il-persuni għandhom jissemmew fir-rapport u jridu jiġi mismugħin fil-Qorti bħal kull xhud ieħor – dment pero li l-perit ma jkunx semgħa lil dawn ix-xiehda hu stess u bil-ġurament skont dak imsemmi fl-artikoli 650(5) tal-Kodiċi Kriminali. Eċċezzjonalment pero, jekk il-Qorti tħoss il-ħtieġa li dawn ix-xiehda jinstemgħu xorta waħda tista' tordna li jinstemgħu quddiemha. Dan jista' jiġri wkoll fuq talba tal-imputat.

26. Imbagħad, dik il-Qorti wara li tkun għarblet kemm l-evidenza ordinarja kif ukoll dik esperta, kemm dik diretta u kif ukoll dik indiretta, biex tkun tista' ssib ħtija fl-imputat, il-Qorti tkun trid tkun żgura moralment, *sure* bl-Ingliż u fis-sistema Legali Ingliż,[7] li l-każ seħħ skont kif tkun qed tipprospetta l-Prosekuzzjoni in bażi għall-provi ammissibbli li jitresqu quddiemha.

27. Il-grad ta' sufficjenza probatorja *lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni* huwa l-ogħla livell ta' prova li l-Liġi teħtieġ fis-sistema Ġuridiku Malti sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat. Huwa livell li ma' jeħtieġx iċ-ċertezza assoluta, iżda li huwa ogħla mill-bilanċ tal-probabbilitajiet. Fil-każ Ingliż ***Majid***,[8] Lord Moses stqarr hekk :

> Judges are advised by the Judicial Studies Board, as they have been for many years, to direct the jury that before they can return a verdict of guilty, they must be sure that the defendant is guilty.

28. Inoltre, fil-ktieb tagħhom ***The Modern Law on Evidence***, Adrian Keane u Paul McKeown[9] jgħidu s-segwenti : -

> In the wake of difficulties encountered with the formula of proof beyond reasonable doubt, Majid makes it clear that the direction on the criminal standard must adhere to the formula of proof by being "sure", in accordance with the longstanding advice given to judges by the Judicial Studies Board. That advice currently contained in the Crown Court Bench Book, is simply that the prosecution prove their case if the jury, having considered all the relevant evidence, are sure that the accused is guilty. Further explanation is described as 'unwise'. If the jury are not sure then, they must find the accused not guilty.

---

[7] ***R v Majid***, 2009, EWCA Crim 2563, CA at 2
[8] ibid.
[9] Oxford University Press, 2012, p. 106 – 108.

29.Sabiex tara jekk dan il-livell ta' suffiċjenza probatorja intlaħaqx din il-Qorti trid, *inter alia*, tara jekk u safejn persuna tkun qed tixhed is-sewwa bil-prinċipji provduti lilha fl-artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali. Jekk il-Qorti tqis li, applikati dawn il-prinċipji, xhud ikun qiegħed jixhed is-sewwa, allura tkun tista' toqgħod fuq dak li jkun qed jgħid jew fuq parti minn dak li jkun qed jgħid skont il-każ. Jispetta dejjem lil min ikun irid jiġġudika l-fatti jiddeċiedi jekk, applikati dawn il-prinċipji, jemminx xhud f'dak kollu li jkun qed jgħid jew safejn jemmen minn dak li jkun qed jgħid, u dan japplika wkoll meta x-xhud ikun xhud waħdieni tal-fatti allegati.

30.Huwa biss meta jkun hemm **id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, u fuq stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża** li jwassal sabiex dak il-livell ta prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni jkun jista' jingħad li ma ntlaħaqx u li allura, bħala konsegwenza, l-akkużat ikun irid jiġi dikjarat mhux ħati tal-akkużi miġjuba kontrih.

31.Illi l-partijiet fi proċeduri penali, il-Prosekuzzjoni *in primis*, u li għandha d-dmir li tipprova l-każ tagħha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni, trid tosservanza dik li hija magħrufa bħala l-*best evidence rule*, l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret. Fis-sentenza fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta vs George Spiteri*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali, ġie ritenut is-segwenti:

Huwa principju fondamentali fil-process kriminali li l-ligi tesigi li kull min jrid jipprova xi haga, ghandu jressaq l-ahjar prova, u dan jista' biss jaqa' fuq prova sekondarja kemm il-darba din l-ewwel jew l-ahjar prova mhiex disponibbli. Hu veru wkoll, izda, li min ghandu jiggudika jista', skond il-ligi, u minkejja dan il-principju fondamentali appena msemmi, joqghod fuq ix-xhieda anke ta' persuna wahda jekk b'dak li tghid din il-persuna, jikkonvinci lill-gudikant sal-grad tal-konvinciment morali mill-htija tal-persuna akkuzata.

L-prova indizzjarja trid tkun wahda assolutament univoka, li tipponta biss minghajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni wahda. Ovvjament jekk fatt jew cirkostanzi jistghu ragjonevolment jinghataw aktar minn tifsira jew interpretazzjoni wahda, tkun li tkun, allura dik ma tkunx prova ndizzjarja tajba, skond il-ligi, sabiex in bazi taghha tista' tinstab htija. Kif tghid u titlob il-ligi, biex prova ndizzjarja tigi ammessa bhala prova valida fis-sens li wiehed jista' ragjonevolment jasal ghall-konkluzzjoni tieghu ta' htija in bazi taghha bla ebda dubju dettat mir-raguni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwizit ta' l-univocita' taghha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkuzat huwa hati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward ghandu jmur favur l-akkuzat skond il-ligi.

Wiehed ghandu jkun ferm attent fl-apprezzament u nterpretazzjoni tal-prova ndizzjarja ghaliex ghalkemm din hi prova ferm importanti, u kultant anke aktar mill-prova diretta, pero', din hi prova li facilment tista' tqarraq lil dak li jkun qed jghamel l-interpretazzjoni w apprezzament taghha.[10]

32. In oltre u aktar reċentement fis-sentenza ***Il-Pulizija vs Cyrus Engerer,*** il-Qorti tal-Appell Kriminali rriteniet illi :

Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita.[11]

[10] Deċiża nhar il-5 ta' Lulju 2002 mill-Imħallfin Noel Arrigo, Joseph A. Filletti u Patrick Vella.
[11] Deċiża nhar it-8 ta' Mejju 2014 mill-Imħallef Michael Mallia.

33. Kwindi minbarra r-regola li huwa meħtieġ li tiġi prodotta l-aħjar prova, jekk f'każ partikolari jkun hemm evidenza li tkun ċirkostanzjali, indiretta jew indizzjarji, huwa essenzjali li tali provi indizzjarji jkunu b'saħħithom biżżejjed kif ukoll li jkunu jippuntaw f'direzzjoni waħda u ċioe' lejn il-ħtija tal-imputat u ħadd iktar floku. Jekk mill-banda l-oħra l-provi indizzjarji ma jkunux univoċi, ma jkunux jistgħu jagħmlu prova in sostenn tal-ħtija tal-imputat.

***Ikkunsidrat:***

34. Illi l-appellant jilmenta preliminarjament minħabba li ma tresqux provi dwar il-*course of conduct* li huwa meħtieġ sabiex ġudikabbli jiġi misjub ħati tar-reat ta' fastidju. Huwa jgħid li f'dan il-każ l-imputazzjonijiet kienu marbuta ma data speċifika tat-8 ta' Lulju 2017 fejn l-aktar li seħħ kienet kwistjoni li ma damitx aktar minn ħames minuti. L-appellant isostni li ma tressqitx il-prova tal-*mens rea* għar-reat in kwistjoni, kif ukoll li l-Qorti tal-Maġistrati straħet biss fuq dak illi xehdu l-parte ċivile mingħajr ma dawn il-provi ġew korroborati minn xi evidenza oħra. Itenni wkoll illi l-frażi illi hu allegatament esprima fil-konfront ta' Bellia ma tista' qatt tikkostitwixxi theddid u b'hekk u ma setax jiġi misjub ħati lanqas għal dak li jirrigwarda t-tieni u t-tielet imputazzjoni.

35. Din il-Qorti rat li l-provi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati juru illi filwaqt illi l-inċident verament seħħ fit-8 ta' Lulju 2017,[12] minn sempliċi qari tal-imputazzjonijiet imniżla fiċ-ċitazzjoni jirriżulta wkoll li l-Prosekuzzjoni ma llimitatx ruħha biss għal dik id-data. Iċ-ċirkostanza taż-żmien li fih allegatment seħħ ir-reat kienet ġiet kwalifikata b'dan il-mod : -

> ..u fil-ġranet jew fix-xhur ta' qabel dan meta b'd-diversi atti magħmulin minnek, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikkunu kisru l-istess disposizzjoni tal-liġi, u jkunu ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda'.

36. Kwindi jirriżulta pruvat li d-data li tkopri l-imputazzjonijiet testendi ben oltre t-8 ta' Lulju 2017. Anzi l-Prosekuzzjoni għażlet li wkoll tuża l-formula tar-reat kontinwat; iżda li milli jidher mis-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati, hija għażlet li teskludi din il-formula abbinata mar-reati kontestati. Kwindi din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li l-Prosekuzzjoni kienet intrabtet biss mad-data tat-8 ta' Lulju 2017 b'riferenza għall-element tal-*course of conduct*.

37. Fit-tieni lok u dejjem għar-rigward tal-ewwel akkuża, l-artikolu 251A(1)(2) tal-Kapitolu 9 kif kien applikabbli fiz-zmien indikat fiċ-citazzjoni, kien jaqra kif ġej:

> (1) Persuna li ġġib ruħha:
> (a) B'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra, u
> (b) B'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna,
>
> Tkun ħatja ta' reat taħt dan l-artikolu.
>
> (2) Għal fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qedgħa ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġieba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qjies ta' persuna raġonevoli jkollha l-istess informazzjoni din

[12] li hija wkoll id-data ta' meta l-kwerelanti għamlu l-kwerela tagħhom.

kienet kieku taħseb li dik l-imġieba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra.

(3) Persuna akkużata b'reat taħt dan l-artikolu tista' ġġib prova li:
(a) L-imġieba tagħa kienet dovuta bl-iskop li timpedixxi jew tikxef xi dellitt; jew
(b) L-imġieba tagħha kienet dovuta taħt xi liġi, regolament jew regola, jew biex tikkonferma ruħha ma xi kundizzjoni jew ħtieġa imposta minn xi persuna taħt xi liġi; jew
(c) Fiċ-ċirkostanzi partikolari l-imġieba kienet waħda raġonevoli;

38. In oltre skond is-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresenduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Denise Falzon***[13] ġie ritenut is-segwenti:

Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-legislatur fittex sabiex tigi issanzjonata dik l-imgieba li tista' tohloq fastidju, ghalkemm l-ebda definizzjoni ma tinghata lil dan it-terminu legali.

Dan l-artikolu huwa meħud kważi kelma, b'kelma mil-liġi 'Protection of Harassment Act 1997'. Dwar l-Att l-Archbold jgħid dan li ġej:

> 'The Act describes itself as one 'to make provision for protecting persons from harassment and similar conduct.' It was passed for the purpose of dealing with the phenomenon of 'stalking'. There is, however, no attempt at a definition of harassment, although section 7(2) provides that references to harassing a person include alarming the person or causing the person distress. In 'Tuppen and anor vs Microsoft Corporation Limited and anor, The Times' November 15 2000, QBD, Douglas Brown J held that there being no definition of 'harassment' in the Act, it was legitimate to have recourse in the proceedings in Parliament as an aid to construction because the wide potential and far-reaching meaning that might be attributed to the word; such reference made clear that the behaviour sought to be controlled was conduct such as stalking, anti-social behaviour by neighbours and racial harassment. But in 'Thomas vs News Group Newspaper Ltd and anor, The times, July 25th 2001, CA (Civ.Div) it was held that the Act is concerned with conduct targeted at an individual which was calculated to produce alarm or distress and which was oppressive and unreasonable
>
> Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely its that they could be described as 'a course of conduct': Lau vs DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC. In 'Pratt vs DPP' 165 J.P. 800 DC, it was said that the concern which the 1997 Act had been intended to meet was that persons should not be put in a state of alarm or distress by the behaviour of others; and that purpose had to be borne in mind when deciding

[13] Deċiża mill-Imħallef Edwina Grima nhar it-28 ta' Novembru 2018.

whether to prosecute when there was only a small number of incidents relied upon.[14]"

Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-ligi ghandu johrog illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi johloq fastidju lil vittma tieghu bl-imgieba tieghu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf f'imgieba volutament ripetuta u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa. Illi allura hemm distinzjoni netta, fil-fehma ta' din il-Qorti, bejn dik l-imgieba li qed tohloq fastidju u dik li tohloq semplicement inkonvenjent. Tant hu hekk illi:

L-artikolu 251A johloq ir-reat ta' persuna li ggib ruha b' mod li taghti fastidju lil persuna ohra u b' mod li tkun taf jew imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju ghal dik il-persuna. .... Il-ligi fis-sub-inciz (2) tkompli tiddisponi li persuna li tkun qed iggib ruha b' mod dubbjuz imissha tkun taf li dik l-imgieba tammonta ghal fastidju ta' persuna ohra jekk fil-qies ta' persuna ragjonevoli li jkollha l-istess informazzjoni, din kienet kieku tahseb li dik l-imgieba kienet tammonta ghal fastidju tal-persuna l-ohra. Fis-subinciz (3)( c ) il-ligi tkompli tghid li persuna akkuzata b' reat taht dan l-artikolu tista' ggib prova li fic-cirkostanzi partikolari dik l-imgieba kienet wahda ragjonevoli. Fl-artikolu 251C hu provvdut li riferenzi ghall-ghoti ta' fastidju lil persuni jinkludi meta wiehed jaghti qata': ("alarming") jew idejjaq: ("causing ..distress") lill-persuna.[15]

Illi wkoll fl-istess sentenza saret referenza għat-tifsira tal-fastidju mill-ġurista Blackstone fejn:

'...it-terminu legali fastidju (bl-Ingliz "Harassment") gie definit mill-Black's Law Dictionary - (7th. edit.) bhala :-

"Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose",

...dan l-element ta' ripetizzjoni jew persistenza ma jridx jigi konsidrat "in isolation" b' riferenza biss ghall-kaz mertu tal-kawza imma bil-fors li jrid jitqies fl-isfond tar-retroxena u tal-agir precedenti tal-gudikabbli. Dan ghaliex kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Alan Caruana Carabez" [21.6.07] :-

"…. f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien."

Illi jidher allura li t-test li għandu jiġi adoperat biex jiġi stabblit jekk hemmx fastidju 'illeċitu' o meno huwa billi jiġi applikat it-test oġġettiv iktar milli dak soġġettiv filwaqt pero li jittieħed qies tal-fattispeċi kollha tal-każ u l-assjem taċ-ċirkostanzi kollha li setgħu wasslu lil kwerelant jieħu l-passi li ħa.

[14] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Carmelo Vella*** deċiż nhar l-14 ta' Mejju 2012.

[15] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Massimo Tivisini.***

Illi f'kaz konsimili din il-Qorti kif diversament ippresjeduta sahhqet:

> "L-azzjoni tal-appellant, tista' tkun ezaminata mill-ottika tal-inkonvenjent izda certament mhix minn dik tal-fastidju li f'dan il-kaz kienet tirrikjedi prova ta' zamma ta' annimali f'tali stat li b'intenzjoni kriminuza ried johloq sitwazzjoni ta' fastidju bl-iskop li jivvessa specifikatament lill-girien u anke bi skop."
>
> Fil-kaz hawn skrutinat jemergi illi l-azzjoni tal-appellant fiz-zamma tal-annimali tieghu qed tohloq inkonvenjent ghal diversi girien u kien jispetta lil dawk il-persuni, allura l-kwerelanti, jghidu ghaliex jahsbu li l-appellant qieghed bl-azzjoni tieghu, johloq dan il-fastidju.[16]"

***Ikkunsidrat:***

39. Illi huwa minnu li f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ma resqet ebda dokumentazzjoni jew rapporti in sostenn ta' '*a continuous course of conduct*'. Mill-banda l-oħra jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati straħet interament fuq ix-xhieda ta' Claire Bellia u tas-sieħeb tagħha Robert Felice li xehdu wkoll dwar il-fatt illi huma kellhom jitilqu mir-residenza tagħhom fil-Għargħur fejn seħħ dan il-każ minħabba l-problemi li kien ilhom ikollhom mal-appellant f'okkażżjonijiet preċedenti. Bellia ippreżentat ritratt tal-vann tal-appellant fil-parti komuni tal-garaxxijiet tagħhom biex turi kif il-vettura kienet qed timblokka l-aċċess liberu għal min ikun irid jaċċedi għal fejn hemm il-garaxxijiet. Kif jista' jiġi wkoll ikkonfermat mill-filmat li ġie eżebit mill-appellant stess, il-vann in kwistjoni jappartjeni lill-appellant. Il-vann de quo, mill-mod kif kien parkeġġat ma ppermettiex lil Felice biex ikun jista' jidħol fil-garaxx tiegħu. Dan irriżulta anki minn dak illi huma aċċennaw lill-pulizija meta marru jagħmlu l-kwerela in kwistjoni fit-8 ta' Lulju 2017. Dan isib riferenza wkoll fl-affidavit ta' PS1021 Christian Cauchi.

---

[16] Ara l-appell kriminali ***Il-Pulizija vs Raymond Spiteri*** tas-26 ta' Mejju 2016.

40.Illi huwa minnu li kien ikun aħjar li kieku l-kwerelanti eżebew dokumenti in sostenn għall-ilmenti u tal-problemi li kien hemm bejnhom u l-appellant. Dan kien jippermetti aħjar lill-Qorti tal-Maġistrati sabiex, applikati d-dettami tal-artikoli 637 u 638 tal-Kodiċi Kriminali, tkun tista' tevalwa aħjar l-allegazzjonijiet li jkunu qegħdin isiru minn xhud. Iżda mill-banda l-oħra, skont l-istess artikoli tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti tal-Maġistrati setgħet legalment toqgħod fuq it-testimonjanza ta' Bellia u Felice u takkolji dak illi jistqarru fuq il-pedana bil-ġurament bħala prova tal-fatti li jkunu qegħdin jixhdu dwarhom. Naturalment il-Qorti tal-Maġistrati imbagħad tkun trid tagħmel l-eżami tal-kredibbilita u attendibbilita' tax-xhud każ b'każ.

41.Il-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li għarblet ix-xiehda ta' dawn iż-żewġt xhieda kemm fiha nnifisha, kif ukoll meta mqabbla u mgħarbla ma xiehda oħra fil-proċess bħax-xiehda tal-appellant, kif ukoll ma dak li xehed PS1021. Ir-riżultat ta' din l-analiżi kienet li x-xiehda ta' Bellia u Felice ma kienetx biss ***konsistenti*** mal-provi l-oħra prodotti iżda ukoll li kienet ***kredibbli*** – a differenza tax-xiehda tal-appellant li dik il-Qorti iġġudikatha bħala li ma kienetx toffri kredibbilita in kwantu skartata kompletament fid-dawl li qieset kont taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, tad-*demeanour* u komportament tagħhom meta mqabblin mal-komportament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda. Il-Qorti tal-Maġistrati rat li l-verżjoni mogħtija minn Bellia u Felice kienet b'saħħitha biżżejjed li, magħquda mal-provi l-oħra, kkonvinċietha li Bellia u Felice kienu qed jgħidu l-

verita. Jekk dik il-Qorti kienet konvinta, *sure,* sikura, li l-Bellia u Felice kienu qed jgħidu il-verita, allura dan iwassal għall-konklużjoni loġika li ladarba dik il-Qorti kellha s-setgħa li temmen lil dawn ix-xhieda a differenza ta' xhieda jew evidenza oħra; kif ukoll li d-deċiżjoni dwar il-kredibbilta tax-xiehda titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ, allura dik il-Qorti setgħet mhux biss temminhom, iżda wkoll li tikkonkludi li l-verżjoni mogħtija minnhom hija veritjiera u taċċetta wkoll bħala fatt dak li huma kienu qegħdin jixhdu.

42. Mill-eżerċizzju magħmul mill-Qorti tal-Maġistrati u mill-kummenti ta' dik il-Qorti fis-sentenza tagħha jirriżulta li hija ħadet qies tal-imġieba, kondotta u karattru ta' Bellia, Felice u tal-appellant, tal-fatt jekk ix-xiehda tagħhom għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda ta' Bellia, Felice u tal-appellant, u jekk ix-xiehda tagħhom hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ. Wara li għamlet dak l-istħarriġ, dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tasal għall-konklużjoni li temmen dak li kienu qed jgħidu Bellia u Felice dan peress li rriżultalha li l-Bellia u Felice kienu konvinċenti ħafna.

43.Kif intqal minn Lord Hoffman fil-każ ***Re B (Children) (Sexual Abuse):***[17]

> If a legal rule requires a fact to be proved, (a 'facts in isue') a judge or jury must decide whether or not it happened. There is no room for finding that it might have happened. The law operates a binary system in which the only values are 0 and 1. The fact either happened or it did not. If the tribunal is left in doubt, the doubt is resolved by a rule that one party or the other carried the burden of proof. If the party who bears the burden of proof fails to discharge it, a value of 0 is returned and the fact is treated as not having happened. If he does discharge it, a value of 1 is returned and the fact is treated as having happened.

44.Il-mument li l-Qorti tal-Maġistrati għażlet, kif kellha l-jedd li tagħmel, li fil-kuntest kollu tal-provi mresqa f'dan il-każ, temmen il-verżjoni li ta' Bellia u Felice, skont il-kriterji msemmija aktar il-fuq, allura qieset dik il-verżjoni ta' Bellia u Felice bħala prova sħiħa u kompluta b'mod li ħassitha konvinta żgura moralment, *sure*, sikura lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li l-fatti tal-każ seħħew skont kif rakkuntat mill-Bellia u Felice u mhux kif stqarr l-appellant.

45.Din il-Qorti jidhrilha li l-Qorti tal-Maġistrati kienet fl-aħjar posizzjoni biex tkun tista' tevalwa din ix-xiehda tax-xhieda li xehdu f'dan il-każ. Dik il-Qorti kellha l-benefiċċju li tara lill-Bellia, Felice u l-appellant jixhdu quddiemha, ħaġa li din il-Qorti ma setgħetx tagħmel. Din il-Qorti għalhekk trid tagħti l-piż xieraq lill-evalwazzjoni li kellha l-opportunita tagħmel il-Qorti tal-Maġistrati minn dak li rat quddiemha stess.

[17] 2009, 1 AC 11.

46. Il-Qorti tal-Maġistrati kienet *ben piazzata* biex li tqis il-provi kollha u għexet personalment il-proċess quddiemha. Kemm dan l-eżerċizzju tal-Qorti tal-Maġistrati huwa meħtieġ, joħroġ ukoll mill-ġurisprudenza Maltija, bħal fil-kawża ***Il-Pulizija vs Lorenzo Baldacchino*** deċiża mill-Qorti Kriminali bħala Qorti tal-Appell deċiża nhar it-30 ta' Marzu 1963 mill-Imħallef William Harding fejn intqal is-segwenti : -

> Lanqas hu traskurabili l-fatt li l-ewwel Qorti kienet impressjonata bil-mod serju u sod li bih xehdet din Consiglia kif hemm rikordat fis-sentenza stess. Ma hemmx bżonn jinghad li l-komportament tax-xhud (*demeanour*) hu fattur importanti ta' kredibilita (ara Powell, On Evidence, p. 505), u kien, ghalhekk, li inghad mill-Qrati Ingliżi segwiti anki mill-Qrati taghna, illi "great weight should be attached to the finding of fact at which the judge of first instance has arrived" (idem, p. 700), appuntu ghaliex "he has had an opportunity of testing their credit by their demeanour under examination". Ghalhekk, kontra l-imputat hemm oltre dak ti sejjer jinghad, dawn iż-żewġ xhidiet li ma gewx bl-ebda mod żvalorizzati, u li jassodaw pjenament l-imputazzjoni;

47. Illi jsegwi allura illi din il-Qorti trid issa tiddetermina a bażi tal-ġurisprudenza kkwotata jekk il-fatti mistqarra minn Bellia u Felice setgħux legalment u raġonevolment jiġu meqjusa li kienu jammontaw għal fastidju jew għal sempliċi inkonvenjent. Apparti minn hekk għandha tqis ukoll jekk mill-provi prodotti setgħetx dik il-Qorti legalment u raġonevolment tasal tikkonkludi pruvata l-intenzjoni tal-appellant li effettivament jiffastidja lill-parte ċivile b'dak illi kien qed jagħmel.

48. Illi minn dak illi xehdu l-parte ċivile jirriżulta illi huma kienu qegħdin isofru minn '*substantial emontional distress*' minħabba l-problemi illi kien qed ikollhom mal-appellant, tant illi waslu sabiex

jitilqu mid-dar tagħhom u jmorru jikru post ieħor. In oltre minn dak illi jixdu l-kwerelanti huma jikkorroboraw il-fatt illi l-appellant effettivament rahom meta waslu fuq il-post u meta kellu l-vettura tiegħu mitfugħa timblokka l-aċċess għall-garaxxijiet. Jiġifieri f'dak l-istadju l-appellant kien qiegħed fil-ħażin u minflok immedjatament ressaq il-vettura tiegħu minn fejn kienet ipparkjata ħażin sabiex il-kwerelanti jaċċedu għall-garaxx tagħhom, hu għażel li jidħol fil-propjeta' tiegħu u jagħmel fattih għal madwar ħames minuti filwaqt li ħalla lill-kwerelanti jistennew qabel ma huwa kien komdu jmur lura u jsuq il-vann tiegħu minn fuq il-post.

49. Illi din il-manuvra tidher sa ċertu punt mill-filmat eżebit mill-appellant stess fejn jidher illi fil-ħin ta' 12:37 hu reġa daħal għal ġol-garaxx tiegħu u sussegwentement fil-ħin ta' 12:41 jidher qed jisporġi mill-ġdid mill-garaxx tiegħu flimkien ma waħda minn uliedu fejn wara li għabbew xi oġġetti oħra fil-vann huma saqu minn fuq il-post. Sfortunatament il-filmat ma jurix eżattament il-ħin meta l-kwerelanti waslu fuq il-post. L-anqas ma jirriżulta minnu jekk l-appellant effettivament rax il-vettura tal-kwerelanti jew jekk ħarisx lejhom f'xi ħin. Il-filmat jiġbed biss il-parti ta' ġewwa tal-garaxx minn angolu partikolari fejn allura lanqas ma tidher il-vettura misjuqa minn Felice jew il-kwerelanti ġo fiha fl-ewwel stadju ta' din il-kwistjoni. Lanqas ma jidher wiċċ l-appellant fil-ħin kollu tal-filmat anki meta hu kien fil-garaxx. Il-filmat ma juri xejn għal dak li jirrigwarda dik il-parti tal-inċident fejn l-appellant allegatament avviċina lil Claire Bellia u qallha d-diskors formanti l-mertu tat-tieni u tat-tielet imputazzjonijiet. Fi kwalunkwe każ ma jirriżultax li l-

filmat huwa munit bl-udit ukoll. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-filmati eżebiti ftit li xejn jikkontradiċu l-verżjonijiet ta' Bellia u Felice. L-anqas ma jfornu informazzjoni dwar it-tilwima li nqalgħet għajr għal fatt illi l-istess filmat jipprova bla dubju li l-appellant kien filfatt qed jostakola l-aċċess għall-garages bil-vettura tiegħu fil-ħin approssimattiv ta' 12:40 dakinhar tat-8 ta' Lulju 2017. Jekk xejn dawn il-filmati isaħħu dak li qalu Bellia u Felice u mhux idgħajfuh.

50. Illi kif ġie ritenut fil-każ ***Il-Pulizija vs Alan Caruana Carabez***[18]

> f' kazijiet bhal dawn ir-retroxena ghal kull incident hija importanti biex il-Qorti tkun tista' tispigola l-incident izolat u accidentali minn agir abitwali ta' fastidju fuq periodu ta' zmien.

51. Kwindi din il-Qorti ma tistax tqis ix-xiehda ta' Bellia, Felice u l-appellant biss mill-lenti ta' dan l-inċident li seħħ nhar it-8 ta' Lulju 2017; iżda trid tara kemm mix-xiehda tagħhom jistgħu jirriżultaw provi ta' episodji jew inċidenti oħra li juru *pattern* ta' mġieba mill-appellant li meta tkun meqjusa fil-komplessita tagħha u b'mod sħiħ tkun tista' twassal għall-konklużjoni li jkun ġie integrat *course of conduct* li jsawwar il-fastidju.

52. Fil-fatt mix-xiehda ta' Bellia u Felice jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati kienet sodisfatta li dan l-inċident ma kienx uniku; anzi huma jtennu li ġieli kellhom kwistjonijiet bħal dawn mal-appellant, xi uħud minnhom anke gradwaw fi proċeduri fil-Qorti. Il-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li kienet sodisfatta mix-xiehda ta' Bellia u Felice

[18] Deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta nhar il-21 ta' Ġunju 2007 mill-Imħallef Joseph Galea Debono.

li minbarra dan l-episodju kien hemm kwistjonijiet oħra varji li wasluhom biex iħossuhom iffastidjati mill-appellant. Mix-xiehda ta' Bellia u Felice jirriżulta wkoll li huma kellhom saħansitra jieħdu d-deċiżjoni estrema li joħorġu minn din il-maisonette minħabba l-entita tal-problema ta' fastidju li kienu qegħdin isofru minnha. Biex persuna tasal li tieħu miżura daqshekk drastika li tibdel darha, teħtieġ raġuni serja u gravi, u inċident waħdieni bħal dak tat-8 ta' Lulju 2017 ma kienx ikun raġonevolment biżżejjed biex isawwar tali deċiżjoni. Iżda jekk wieħed imbagħad jieħu sensiela ta' kwistjonijiet varji li jmorru lura għal ammont ta' żmien u li dawn jieħdu bixra ta' kodiċi ta' kondotta partikolari, allura s-sitwazzjoni tkun xort'oħra.

53.Jirriżulta li l-Qorti tal-Maġistrati straħet fuq dak illi l-kwerelanti stqarrew fit-testimonjanza tagħhom. Biss kif diġa ġie aċċennat, dik il-Qorti setgħet legalment u raġonevolment tagħmel dan. Biss din il-Qorti żżid li l-prova ta' kwistjonijiet preċedenti bejniethom ġiet pruvata wkoll mix-xiehda tal-appellant stess. Dan peress li a fol 20, meta l-appellant ippreżenta l-filmat mis-CCTV jisħaq li dik is-CCTV għamluha huma peress li darba Bellia kienet qaltilhom li kienu barxulha l-karozza u bdew jaħsbu li kienu se Bellia u Felice kienu s jagħmlulhom vendikazzjoni. L-appellant f'paġna 21 jgħid li huma kienu ġew akkużati minn Bellia u minn Felice li hu (u martu) kienu barxulhom il-karozza u Bellia u Felice kienu marru jagħmlulhom rapport. Huwa jgħid li għamel is-CCTV biex jiddefendi lilu nnifsu. Huwa evidenti minn dan il-kliem li bejnu u bejn Bellia u Felice żgur li ma kienx hemm relazzjoni tajba. U x-xiehda tal-appellant fuq

x'waslu li jinstalla' s-CCTV kompla jsaħħaħ il-verżjoni ta' Bellia u Felice li ġiet emnuta mill-Qorti tal-Maġistrati.

54. Meta din il-Qorti żżomm quddiem għajnejha l-fatt li l-Qorti tal-Maġistrati għażlet li temmen bi sħiħ il-verżjoni tal-kwerelanti u meta żżomm quddiem għajnejha wkoll dan l-animu ħażin ħafna li kien pruvat li jeżisti bejn l-appellant u l-kwerelanti, allura din il-Qorti tista' tasal li tifhem ukoll għaliex il-Qorti tal-Maġistrati waslet għall-konklużjoni li f'dan il-każ ġiet ukoll pruvata l-*mens rea* għar-reat ta' fastidju da parti tal-appellant – b'mod partikolari minn dak li rriżulta wkoll mill-inċident tat-8 ta' Lulju 2017.

55. Il-Qorti tal-Maġistrati ħassitha sikura li l-kwerelanti telqu minn darhom minħabba li kien hemm sensiela ta' inċidenti u kwistjonijiet mal-appellant u li baqgħu jirrepetu ruħhom. Issa meta titqies din ir-retroxena u tittieħed ukoll in konsiderazzjoni l-imġieba tal-appellant kif deskritta minn Bellia u Felice dwar l-inċident tat-8 ta' Lulju 2017 fix-xiehda tagħhom u li ġiet aċċettata bħala veritjiera mill-Qorti tal-Maġistrati, allura din twassal għall-konklużjoni li l-imġieba tal-appellant kienet waħda intrinsekament fastidjanti.

56. Il-kwerelanti xehdu u ġew emnuti li mal-wasla tagħhom fuq il-post bil-vettura tagħhom huma sabu l-vettura tal-appellant wieqfa timblokka l-entrata tal-garages. Għalkemm vettura parkeġġata b'dak il-mod ma tkunx qegħda fis-sew in kwantu tkun qed timblokka entratura, kieku s-sewwieq ħa azzjoni immedjata biex iġib fis-sew dak li kien fil-ħażin, allura ma kienx ikun hemm il-konsegwenza li segwiet f'dan il-każ. Iżda mix-xiehda tal-

kwerelanti u li ġiet emnuta mill-Qorti tal-Maġistrati jirriżulta li l-appellant mhux biss rahom, iżda Felice anke paqpaq il-ħorn biex jiġbed l-attenzjoni tal-appellant.

57. Il-kwerelanti qalu li l-appellant effettivament ra lill-kwerelanti li riedu jidħlu fil-garaxx tagħhom, iżda minflok huwa mar jirrimedja l-parkeġġ ħażin tiegħu għażel li jħalli l-vettura tiegħu parkeġġata hemm, filwaqt li ħalla lill-appellanti jistennew għal ħames minuti fix-xemx qalila ta' Lulju sakemm huwa lesta fattih. Din hija l-verżjoni li ġiet emnuta mill-Qorti u li ladarba mogħtija t-timbru tal-verita ġġib magħha l-konsegwenza li l-aġir tal-appellant deskritt b'dak il-mod juri ċertu grad ta' indifferenza da parti tiegħu għal dak illi setgħu subew il-kwerelanti mill-aġir tiegħu. Dan it-tip ta' aġir juri wkoll element ta' konsapevolezza tal-azzjoni intrinsekament fastidjanti u urtanti fil-konfront tal-kwerelanti li kellhom joqgħodu hemm jistennew fix-xemx. Il-Qorti emnet li minkejja dan l-appellant ġie ipproċeda b'dan il-komportament.

58. Meħud waħdu, dan l-inċident kien ikun wieħed ta' inċivilta u inkonvenjent. Iżda meta l-Qorti tqis li l-Qorti tal-Maġistrati emnitu bħala wieħed minn sensiela ta' inċidenti oħra li seħħew fil-ġranet u x-xhur ta' qabel, inkluż ir-retroxena li ġiegħlet lill-kwerelanti jħossuhom tant skomodati bl-aġir tal-appellant sal-punt illi telqu minn darhom biex jevitaw li jiltaqgħu mal-appellant, imbagħad tikkostitwixxi prova ċara ta' fastidju fis-sens tal-liġi.

***Ikkunsidrat:***

59. Illi kwantu għat-tieni imputazzjoni, regolata mill-artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali, jirriżulta li dan ir-reat ġie mħassar permezz tal-Att XI tas-sena 2018. Oriġinarjament dan kien jinqara kif ġej:

> 252. (1) Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieh ta' xi ħadd, iweġġgħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa.
>
> (2) Jekk l-inġurja ssir bi kliem mhux imfisser ċar jew b'ċanfir mhux speċifikat inkella bi kliem jew egħmil li jkun biss mhux xieraq, il-ħati jeħel il-pieni stabbiliti għall-kontravvenzjonijiet.

60. Iżda peress li illum il-ġurnata dan ir-reat ġie mħassar l-appellant ma jistax jiġi mogħti piena fir-rigward tiegħu, jekk jiġi pruvat ħati dwaru. Illi kif gie ritenut fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 2016 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Lee Borg***[19] :

> Biex ikun hemm ir-reat ta' ingurja skond l-Artikolu 252, il-kliem (jew gesti, kitba, ecc., skond il-kaz) ingurjuzi **iridu jkunu gew komunikati, direttament jew indirettament, lil terza persuna – imqar terza persuna wahda – ghax b'hekk biss jista' jitwettaq il-hsieb li jkollu l-agent li jtellef jew inaqqas il-gieh tal-persuna ingurjata** ("with the object of destroying or damaging the reputation of any person", fit-test Ingliz). Kliem, gesti, kitba jew disinji ingurjuzi li jigu ndirizzati mill-agent lill-persuna li jkun qed joffendi izda li jibqghu bejniethom it-tnejn huma puniti bhala kontravvenzjoni skond il-paragrafu (e) ta' l-Artikolu 339(1) tal-Kodici Kriminali." (enfasi tal-Qorti).

61. In oltre fis-sentenza ta' din il-Qorti diversament ippreseduta fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Josianne Bonello***[20] ġie ritenut illi:

---

[19] App. Krim. Nru. 27/2016.

[20] deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) ppreseduta mill-Imħallef Joe Galea Debono, nhar is-16 ta' Jannar 2003.

> Kelma dispreggjattiva w ingurjuza izda adoperata b'mod generiku u bla ebda rabta ma xi persuni ohra, agir partikolari w eventi partikolari , "in common parlance" u fil-kontest li fih tintuza il-lum il-gurnata, mhux necessarjament titqies bhala ingurja gravi.

62. Illi peress illi l-Qorti tal-Maġistrati sabet ħtija taħt l-artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali, għal dak li jirrigwarda l-inġurja, l-Prosekuzzjoni riedet tipprova li kien hemm l-intenzjoni li l-kwerelanti jiġu nġurjati mill-appellant b'dak illi stqarr. In oltre l-kliem użat ma jridx jitqies bħala kliem li jintuża 'in common parlance' imma semmai id-diskors irid ikun speċifikatament indirizzat lill-persuna, f'dan il-każ il-parte ċivile b'rabta partikolari magħhom. Din piu' skond is-sentenza ***Borg*** hawn fuq imsemmija, il-kliem użat irid ikun komunikat mhux limitatament lil min huwa indirizzat iżda direttament jew indirettament lil terza persuna wkoll jew aktar.

63. Issa jirriżulta li l-appellant indirizza lil Bellia bid-diskors '*Sabiha E! Sabiha E! Tqazzu l-Ommkom!* Din kienet b'referenza ċara għaliha u għall-Felice wara li dawn paqpqu l-ħorn tal-vettura tagħhom sabiex l-appellant iċaqlaq il-vettura tiegħu minn fejn kienet qegħda timblokka l-entratura tal-garages. Ma jidhirx pero illi dan id-diskors sar fil-preżenza ta' ħaddieħor li seta' sema' dan il-kumment jew aħjar ma tressqet l-ebda prova f'dan is-sens. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti, il-Qorti tal-Maġistrati ma setgħatx legalment u raġonevolment issib ħtija tat-tieni imputazzjoni.

64. Mill-banda l-oħra din il-Qorti ma tistax tgħid l-istess għal dak li jirrigwarda r-reat kontravenzjonali taħt l-artikolu 339(1)(e) tal-

Kodiċi Kriminali formanti l-mertu tat-tielet imputazzjoni. Dan peress illi l-kliem użat f'dak il-kuntest u ċirkostanzi partikolari anteċedenti u konkomitanti kien indubjament inġurjuż fil-konfront tal-kwerelanti. Għalhekk għal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni, din il-Qorti ser tikkonferma s-sejbien ta' ħtija tagħha fil-konfront tal-appellant.

***Ikkunsidrat :***

65. Illi jifdal il-kwistjoni relattiva għall-piena inflitta. Għalkemm ma sar ebda aggravju relattivament għall-piena inflitta, din il-Qorti tqis li għandhom isiru l-konsiderazzjonijiet segwenti. Fil-fatt fis-sentenza tagħha il-Qorti tal-Maġistrati filwaqt li sabet lill-imputat ħati tal-ewwel tliet imputazzjonijiet qieset li għall-fini tal-piena t-tieni u t-tielet imputazzjoni bħala assorbiti fl-ewwel imputazzjoni u imponiet multa fil-minimum statutorju ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500). Din il-Qorti ma tistax tinżel taħt il-minimum ta' din il-multa stante li hija stabbilita bil-Liġi.

66. Mill-banda l-oħra din il-Qorti tqis li fid-dawl tal-fatt li l-appellant mhux ser jiġi misjub ħati tat-tieni imputazzjoni, li hija ta' natura delittwali, għandu jkun hemm temperament fil-piena li ġiet imposta mill-Qorti tal-Maġistrati. Għaldaqstant qegħda tagħżel li timponi miżura alternattiva.

## ***Deċide***

Għaldaqstant il-Qorti qiegħda tilqa' l-appell ta' Carmel Fenech in parte, u b'hekk tirriforma s-sentenza appellata billi :

(a) tħassarha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni imputazzjoni u konsegwentement teħilsu minn kull ħtija u piena dwarha;

(b) tħassarha f'dik il-parti fejn ikkundannat lill-appellant iħallas multa ta' elfejn u ħames mitt euro (€2500); filwaqt li

(c) tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel u t-tielet mputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu, kif ukoll l-ordni ta' protezzjoni fil-konfront ta' Claire Bellia għall-perijodu ta' tlett snin;

u minflok :

(d) wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn millum. Il-Qorti tiddikjara li hija wissiet lill-ħati bil-konsegwenzi li jitnisslu minn din l-ordni fis-sens li jekk il-ħati jikkommetti reat ieħor fil-perjodu ta liberazzjoni kondizzjonata il-Qorti tkun tista' tittratta miegħu fir-rigward ta' dan ir-reat u jingħata s-sentenza oriġinali.

***Aaron M. Buġeja***
***Imħallef***